# KUNSILL LOKALI MARSA

*Minuti tal-Ħdax-il laqgħa tal-Kunsill tal-Marsa li saret nhar il-Erbgħa 16 ta' Marzu 2016 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, fis-Sitta w nofs ta' filgħaxija (6.30pm)*

## *Preżenti*

| | |
|---|---|
| Is-Sur Francis Debono | Sindku |
| Is-Sur Frank Zammit | Kunsillier |
| Is-Sur Jean Paul Zammit | Kunsillier |
| Is-Sur Josef Azzopardi | Viċi Sindku |
| Is-Sur Dominic Spencer | Kunsillier |

## *1. Talba.*

Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal it-talba.

## *2. Approvazzjoni tal-Minuti tal-Għaxar laqgħa tal-Kunsill li saret nhar il-Erbgħa 10 ta' Frar 2016.*

2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti kif ippreżentati.

2.2 Il-Kunsillier Jean Paul Zammit ressaq mozzjoni sabiex jiġu approvati l-minuti bil-korrezzjoni fejn il-paragrafu 12.8 jinqata' mill-minuti. Il-Viċi-Sindku Josef Azzopardi issekonda l-mozzjoni. Ittieħed vot:
Favur: 3 (Jean Paul Zammit, Josef Azzopardi, Frank Zammit)
Kontra: 2 (Francis Debono, Dominic Spencer).

2.3 Għaldaqstant il-minuti ġew approvati bil-korrezzjoni msemmija f'2.2 u konsegwentament iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## *3. Komunikazzjoni mis-Sindku*

3.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq mozzjoni:
"Peress li l-istimi tal-ispejjeż ġew mgħoddija mis-Sur Dominic Spencer lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv iżda ma ġewx moqrija, liema stimi tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar biex jattendi f'isem il-Kunsill għall-għeluq tal-għaxar snin tal-ġemellaġġ ġewwa Bridgewater, qed jittressqu għall-

approvazzjoni tal-Kunsill dawn l-istimi li huma Eur 134.84 (passaġġ tal-ajru), Eur 457 (akkomodazzjoni), Eur 193.82 (trasport).
Il-Kunsillier Dominic Spencer issekonda l-mozzjoni.
Ittieħed vot, fejn il-Kunsill b'mod unanimu ivvota favur u approva unanimament.

## *4. Deċizjoni u konsiderazzjoni fuq korrispondenza mit-18 ta' Frar 2016 sas-16 ta' Marzu 2016.*

4.1 Is-Sindku Francis Debono ressaq kwotazzjoni sabiex il-Kunsill jagħmel sistema ta' alarm kif ukoll panic buttons, liema stima titla għal Eur1159.94. Il-Kunsill approva unanimament.

4.2 Is-Sidnku Francis Debono ressaq korrispondenza mingħand St John Rescue Corps dwar offerta b'xejn li jagħtu sessjoni informattiva rigward Home Fire Safety lill-pubbliku. Il-Kunsill qabel *nem.con.*

4.3 Is-Sindku Francis Debono ressaq korrispondenza mingħand Transport Malta fejn qed jgħidu li ma rċevew l-ebda petizzjoni mingħand ir-residenti dwar il-bżonn ta' pont jew post ta' qsim fil-bypass tal-Marsa. Il-Viċi-Sindku Josef Azzopardi wieġeb li huwa għandu informazzjoni li l-petizzjoni mhux lil Transport Malta marret iżda lil Ministru Joe Mizzi.

4.4 Dwar korrispondenza, sabiex idur il-parkeġġ ta' Triq it-Tromba fejn il-parkeġġ isir angolat ħalli joqogħdu aktar karozzi, il-Kunsill ha jivverifika dwar jekk dan huwiex permessibli li jsir.

4.5 Il-Viċi-Sindku Josef Azzopardi saqsa dwar korrispondenza mill-Għaqda Storika Kulturali Marsa rigward l-applikazzjoni għal restawr tal-Ħwat ta' Xatt il-Mollijiet u sabiex isir ilqugħ. Is-Sindku Francis Debono wieġeb li l-applikazzjoni ġiet sottomessa mill-perit tal-Kunsill u tinsab fil-proċess mill-Awtorita' tal-Ambjent u l-Ippjanar.

4.6 Il-Viċi-Sindku Josef Azzopardi irrimarka sabiex kif id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-bżonn ta' manutenzjoni tal-funtani u vaski li hemm fil-lokalita' minħabba l-marda taz-Zika, il-Kunsill għandu jikteb lid-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali sabiex jaraw jekk hemm periklu simili kkawzata mill-ħofra li hemm fi Triq it-Tiġrija li hija waħda privata. Il-Kunsill qabel li jikteb lid-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali f'dan ir-rigward.

## *5. Schedule of Payments 3/16*

5.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni għall- ħlas tagħhom kif ippreżentati. Is-Sur Dominic Spencer ssekonda. Il-vot kien unanimu. L-iskeda ġiet iffirmata mill-membri kollha pprezenti.

## *6. Purchase Order   4205 - 4218*

6.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Orders minn numru 4205 sa 4218 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq ordnijiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Il-Viċi Sindku s-Sur Dominic Spencer ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *7. Purchase Request  3182 - 3194*

7.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Requests minn numru 3182 sa 3194 għall- approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq it-talbiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *8. Pjan ta' Ħidma 2016-2018*

8.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Pjan ta' Ħidma 2016-2018 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega li għas-sena 2016 hemm l-istess figuri tal-Estimi Annwali 2016 li ġie approvat fil-laqgħa preċedenti, filwaqt li għas-snin 2017 u 2018 il-Kunsill irid inaqqas l-ispejjeż f'dak li jirrigwardja s-Servizzi Kuntrattwali u dan billi f'kuntratti ġodda l-Kunsill għandu jara li l-ispiża tkun anqas, kif ukoll fl-ispejjeż tal-Ospitalita. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq l-abbozz li ressaq l-Aġent Segretarju Eżekuttiv, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Il-Viċi-Sindku Josef Azzopardi issekonda. Il-Vot kien unanimu

## *9. Ħruġ ta' Tender "Provision and Laying of Pavement Works"*

9.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono informa lill-Kunsill li l-kuntratt msemmi fis-suġġett ta' din il-materja se jiskadi fil-31 ta' Marzu 2016 u għaldaqstant hemm bżonn li tinħareġ sejħa għall-offerti mill-ġdid. Is-Sur Frank Zammit issekonda. Il-Vot kien unanimu

## *10. Ħruġ ta' Tender "Service of an Architect"*

10.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono informa lill-Kunsill li l-kuntratt msemmi fis-suġġett ta' din il-materja se jiskadi fil-31 ta' Marzu 2016 u għaldaqstant hemm bżonn li tinħareġ sejħa għall-offerti mill-ġdid. Il-Kunsillier is-Sur Frank Zammit issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 11. Bdil ta' Road Signs

11.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq proposta biex il-Kunsill jibda proċess li jbiddel tabelli tat-traffiku li jinsabu fi stat ħażin. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 12. Rumble Strips

12.1 Is-Sindku Francis Debono issuġġerixxa biex il-Kunsill jipprova jagħmel *rumble strips* bħala waħda mill-miżuri ta' *traffic calmer*. Il-Kunsill qabel unanimament li tinġieb kwotazzjoni sabiex issir waħda bi prova fi Triq Isourd kantuniera ma' Triq Marsa (fejn kienet tneħħiet *road hump*).

## 13. Zebra Crossing fi Triq Balbi

13.1 Is-Sindku Francis Debono ressaq talba mill-Iskola Primarja sabiex fi Triq Balbi, ħdejn l-Iskola issir pedestrian crossing.

13.2 Wara li l-Kunsill iddiskuta fil-profond din it-talba, għalkemm il-Kunsill jagħti importanza s-saħħa u s-sigurta' tat-tfal, il-Kunsill qabel unanimament li din t-talba ma' tistax tiġi milqugħa għal dawn ir-raġunijiet:
- jintilef parkeġġ u fit-triq in kwistjoni hemm problema kbira ta' parkeġġ
- hemm bosta garaxxijiet u/jew kantunieri u għaldaqstant huwa diffiċli li jinstab il-lokazzjoni fejn din tista' ssir skont ir-regolamenti li jipprojbixxu li jkunu vicin ta' garaxxijiet u kantunieri
- fil-ħinijiet tad-dħul u l-ħruġ it-triq għandha tkun magħluqa bi preżenza tal-Pulizija u għaldaqstant ma jkunx hemm ħtieġa għal din il-pedestrian crossing.

## 14. Tweġibiet għall-mistoqsijiet preżentati mill-Kunsilliera

14.1 Il-Kunsillier Frank Zammit saqsa dwar x'ġara mil-laqgħa li saret mal-Ministru Helena Dalli. Is-Sindku Francis Debono wieġeb li l-uffiċjali mill-Ministeru għamlu spezzjonijiet kemm filgħodu kif ukoll matul il-lejl sabiex ikunu jistgħu jagħmlu rapport li għandhom iressquh lill-Kunsill.

14.2 Il-Kunsillier Frank Zammit sostna li l-Kunsill għandu jaħseb f'xi proġetti li jistgħu jagħmlu id-differenza, partikolarment fis-settur tal-anzjani. Il-Kunsillier Jean Paul Zammit issuġġerixxa li l-Kunsill jibda jorganizza *coffee mornings*. Is-Sindku is-Sur Francis Debono wieġeb li l-Kunsill għandu jara kif jista' jagħmel użu mis-Sala fil-bini tal-Kunsill biex jilqa' fih anzjani bħala Day Centre darba/darbtejn fil-ġimgħa. Il-Kunsill Lokali għandu jara mas-Segretarjat Parlamentari tal-Kura tal-Anzjani kif ukoll mal-Uffiċċju tal-President dwar arranġamenti li għaddejjin ma' lokalitajiet oħrajn fejn jingħata servizz ta' social welfare lill-anzjani u għajnuniet oħrajn lill-familji fil-bżonn.

14.3 Il-Kunsillier Jean Paul Zammit sostna li fil-Marsa riċentament saru numru konsiderevoli ta' serqiet u li l-Kunsill għandu jara kif jieħu azzjoni. Is-Sindku Francis Debono kompla li hemm bżonn ta' aktar preżenza mill-Pulizija. Il-Kunsill se jkun qed iressaq talbiet lill-Pulizija għal aktar prezenza fit-toroq tal-Marsa.

14.4 Il-Kunsillier Jean Paul Zammit irrimarka li fil-bandli ta' Dun Gwann Mamo hemm problema ta' abbużi u li hemm bżonn ta' titjib tas-sistema tas-CCTV.

14.5 Il-Viċi-Sindku Josef Azzopardi irrimarka li ħdejn il-klabb tar-Regatta hemm ħafna dlam u għaldaqstant hemm bżonn li jiżdied id-dawl. Is-Sindku Francis Debono wieġeb li l-Kunsill ressaq talba fejn ġie approvat li jitwaħħal fanal ħdejn l-ex banka tal-lottu. Il-Viċi-Sindku is-Sur Josef Azzopardi talab biex tintbagħtlu l-korrispondenza dwar dan il-każ.

14.6 Il-Kunsillier Dominic Spencer irrimarka li fi Triq Butterfly hemm residenza li tinsab ta' periklu għaliex għandha l-ħġieġ jaqa' għal ġot-triq. Is-Sindku s-Sur Francis Debono wieġeb li l-Kunsill għadda r-rapport lill-Pulizija.

14.7 Il-Viċi-Sindku Josef Azzopardi irrimarka li l-iskip li hemm fi Triq San Bernard ma kenitx qed tkun imbattla mill-kuntrattur. Is-Sindku s-Sur Francis Debono wieġeb li l-Kunsill qatt ma ħallas għal dan is-servizz u li din kienet qed titbattal bil-*buona volonta* tal-kuntrattur.

14.8 Il-Kunsillier Dominic Spencer ġibed l-attenzjoni li kien hemm xi residenti li ġew imħarrka fuq it-tabelli tal-ħinijiet tal-iskema ta' Parkeġġ Residenzjali fi Triq is-Sajjieda u Triq Patri Felicjan Bilocca, liema skema hija sospiża. Is-Sindku Francis Debono wieġeb li l-Kunsill informa lill-LESA li din l-iskema hija sospiża biex il-gwardjani ma jibqgħux iħarrku u intant it-tabelli ġew maqlugħa.

## ***15. <u>Aġġornament tal-Laqgħa</u>***

15.1 Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 20 ta' April 2016 fis-sitta u nofs ta' filgħaxija (6.30pm).

Il-laqgħa spiċċat fit-tmienja u kwart ta' filgħaxija (8.30pm)

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Francis Debono<br>Sindku | Kenneth Brincat<br>Agent Segretarju Eżekuttiv |

Data: 20 ta' April 2016